

ЕВРОПЕЙСКА СМЕТНА ПАЛАТА  
TRIBUNAL DE CUENTAS EUROPEO  
EVROPSKÝ ÚČETNÍ DVŮR  
DEN EUROPÆISKE REVISIONSRET  
EUROPÄISCHER RECHNUNGSHOF  
EUROOPA KONTROLLIKODA  
ΕΥΡΩΠΑΪΚΟ ΕΛΕΓΚΤΙΚΟ ΣΥΝΕΔΡΙΟ  
EUROPEAN COURT OF AUDITORS  
COUR DES COMPTES EUROPÉENNE  
CÚIRT INIÚCHÓIRÍ NA HEORPA



CORTE DEI CONTI EUROPEA  
EIROPAS REVĪZIJAS PALĀTA  
EUROPOS AUDITO RŪMAI

EURÓPAI SZÁMVEVŐSZÉK  
IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI  
EUROPESE REKENKAMER  
EUROPEJSKI TRYBUNAŁ  
OBRACHUNKOWY  
TRIBUNAL DE CONTAS EUROPEU  
CURTEA DE CONTURI EUROPEANĂ  
EURÓPSKY DVOR AUDÍTOROV  
EVROPSKO RAČUNSKO SODIŠČE  
EUROOPAN  
TILINTARKASTUSTUOMIOISTUIN  
EUROPEISKA REVISIONSRÄTTEN

**Il-Lussemburgu, 2009/10/14  
ECA/09/60**

## **Nota ta' informazzjoni mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar ir-Rapport Speċjali Nru 8/2009 dwar “‘Netwerks ta' eċċellenza' u 'proġetti Integrati' fil-Politika tar-Riċerka tal-Komunità: dawn laħqu l-oġettivi tagħhom?’”<sup>1</sup>**

Ir-riċerka Ewropea tbat minħabba investiment insuffiċjenti u mxxerred. Bħala parti mill-azzjonijiet tal-UE biex din tkun rimedjata, is-Sitt Programm ta' Qafas (FP6) introduċa żewġ strumenti ġodda, 'Netwerks ta' Eċċellenza' u 'proġetti Integrati'. L-għan kien, minn banda waħda, li tinħoloq integrazzjoni sostanzjali u dejjiema tal-attivitajiet ta' riċerka, u minn banda oħra, li jintlaħqu oġettivi xjentifiċi u teknoloġiċi ta' dimensjoni Ewropea li jkunu ambizzjużi u definiti b'mod ċar.

Il-verifika eżaminat safejn 'Netwerks ta' Eċċellenza' u 'proġetti Integrati' kienu kkontribwew għall-ilħuq tal-oġettivi tal-politika tar-riċerka stabbiliti mit-Trattat kif ukoll l-oġettivi speċifiċi tagħhom stess, safejn il-Kummissjoni kienet ġestiet l-istrumenti ġodda b'mod effettiv u safejn l-FP6 kien stimula l-investiment tal-RTD.

L-osservazzjonijiet tal-Qorti kienu kif ġejjin:

- L-istrumenti l-ġodda kien irnexxielhom jippromwovu livell tajjeb ta' kollaborazzjoni fir-riċerka u proġetti ta' kwalità raġonevoli. Madankollu dawn l-istrumenti ħadmu fin-nuqqas ta' loġika ta' intervent espliċita, kif ukoll fin-nuqqas ta' oġettivi SMART u indikaturi tal-prestazzjoni.
- L-oġettivi speċifiċi tal-istrumenti l-ġodda ntlaħqu parzjalment biss. 'Netwerks ta' Eċċellenza' ta' spiss ma kisibx integrazzjoni progressiva u li ssostni lilha nfisha tal-attivitajiet ta' riċerka bejn l-imsieħba tan-netwerk. 'Proġetti Integrati' ma rnexxilux jiġbed iktar riżorsi minn parteċipanti individwali u minn għejjun addizzjonali ta' finanzjament pubbliku u privat.
- Il-ġestjoni tal-Kummissjoni wriet għadd ta' nuqqasijiet, partikolarment fil-bidu tal-implimentazzjoni tal-FP6, li laqtu l-effettività tal-azzjonijiet, partikolarment l-inċertezza dwar

**Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri**  
**Komunikazzjoni u Rapporti – Uffiċċju tal-Istampa**  
**12, rue Alcide De Gasperi – L - 1615 Luxembourg**  
**Tel.: (+352) 4398 45410 – Fax: (+352) 4398 46410 – Mobile: (+352) 621 55 22 24**  
**e-mail: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu)**

l-irwol speċifiku tal-istrumenti l-ġodda, gwida insuffiċjenti u nuqqasijiet fil-monitoraġġ tal-proġetti.

- (d) Meta mqabbel mal-Programm ta' Qafas preċedenti (li jkopri l-perijodu 1998 sa 2002), l-FP6 ma rnexxilux jiġġenera żieda sinifikanti f'dak li jirrigwarda l-investiment tal-partiċipanti fl-RTD. Il-partiċipazzjoni tas-settur privat saħansitra naqset f'termini relattivi. Ma ntlaħqitx il-mira ta' 15 % tal-baġit totali tal-prijoritajiet tematiċi tal-FP6 għall-partiċipazzjoni tal-SMEs.

Il-Qorti tiftakar li l-programmi ta' nfiq għandhom ikunu bbażati fuq loġika ta' intervent espliċita, li torbot l-istrumenti ma' objettivi realistiċi. F'dan il-kuntest, għandha tkun ikkunsidrata l-possibbiltà li jiġi ffissat objettiv wieħed għal kull strument sabiex tkun żgurata ċ-ċarezza tal-irwol speċifiku tal-istrumenti. Għal kull programm għandu jkun hemm indikaturi tal-prestazzjoni xierqa għall-monitoraġġ tal-prodotti, tar-risultat u tal-impatt mistennija.

Il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk l-NoEs u l-proġetti ta' kollaborazzjoni li jixbhu lill-IPs għandhomx objettivi realistiċi u jipprovdux vantaġġi sinifikanti meta mqabbla ma' strumenti tradizzjonali għal kollaborazzjoni fir-riċerka. Dwar NoEs iffinażjati taħt l-FP6, il-Kummissjoni għandha tevalwa fuq bażi ta' każ b'każ jekk il-kisbiet ta' qabel, il-valur miżjud tal-UE potenzjali u l-prospetti ta' sostenibbiltà proprja jiġġustifikawx iktar finanziaġent taħt il-Programm ta' Qafas kurrenti (li jkopri l-perijodu mill-2007 sal-2013).

Il-Kummissjoni għandha teżamina r-raġunijiet varji fil-bażi tal-livell baxx ta' investiment tal-partiċipanti fl-RTD meta mqabbla mal-għanijiet segwiti u tipproponi miżuri speċifiċi. Id-*data* xierqa għandha ssir disponibbli sabiex jiġi ssorveljat l-effett katalitiku tal-finanziaġent tal-RTD tal-UE. Ir-realiżmu ta' miri mistennija, b'mod partikolari għal SMEs u għas-settur privat, għandhom ikunu evalwati mill-ġdid.

Bil-ħsieb partikolarment li jitjiebu l-manigġabbiltà ta' proġetti, l-implimentazzjoni adegwata tagħhom u l-evalwazzjoni xierqa tagħhom, il-Kummissjoni għandha tiżgura gwida ċara u f'waqtha, proċess ta' kuntrattar iktar veloċi u monitoraġġ aħjar ta' proġetti.

**Ir-Rapport Speċjali Nru 8/2009**  
**[http://eca.europa.eu/products/SR09\\_08](http://eca.europa.eu/products/SR09_08)**

---

<sup>1</sup> L-għan waħdieni ta' din in-nota ta' informazzjoni huwa li jingħata sommarju. Ir-Rapport Speċjali adottat mill-Qorti tal-Awdituri huwa disponibbli fuq il-websajt tal-Internet (<http://eca.europa.eu>).

**Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri**  
**Komunikazzjoni u Rapporti – Uffiċċju tal-Istampa**  
**12, rue Alcide De Gasperi – L - 1615 Luxembourg**  
**Tel.: (+352) 4398 45410 – Fax: (+352) 4398 46410 – Mobile: (+352) 621 55 22 24**  
**e-mail: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu)**